# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 2-14

**Data: 31 ta' Jannar** 2014

**Hin:** 5.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Vici Sindku
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier
Maria Sultana – Kunsilliera
Carl Mifsud- Ambaxxatur tal-Vot16 ghall-Kalkara

**Minuti** :

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti.

Il-Minuti gew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop sekondati mill-Kunsillier Vince Bongailas.

Peress li l-Vici Sindku is-Sur Christopher Bruno jinstab barra minn Malta, il-Kunsillier Paul Bongailas ghamel kuntatt mieghu fuq Skype u b'hekk seta jkun prezenti ghas-seduta.

## 2. Punti Mqajjma mill-Minuti.

2.1 Dwar punt numru 2.1 mill-minuti precedenti il-Kunsilliera Maria Sultana staqsiet lis-Sindku jekk il-Kunsill ghamilx bolards lill-klabb tat-tennis. Is-Sindku qalet li l-bolards ma kienux intalbu meta saret il-laqgha maghhom imma is-Segretarju tal-Klabb wera ix-xewqa li jsiru dawn il-bolards bil-kelma mal-haddiem tal-Kunsill. Dan tal-ahhar tkellem mas-Sindku u hija tatu l-approvazzjoni biex jaghmilhom. Sa dan it-tant hekk kif ittaqqbu l-hofor tal-bolards, dahal ilment u is-Sindku waqqfet il-process milli jehlu l-bolards minhabba li qalet kien hemm "misunderstanding" bejnha u bejn il-haddiem tal-Kunsill dwar l-installar ta' dawn il-bolards.

2.2 Dwar punt numru 2.2 tal-minuti precedenti is-Sindku qalet li ghandha tigi organizzata il-laqgha mal-Kumpannija GreenPak proposta mill-Kunsilliera.

2.3 Dwar punt numru 2.5 tal-minuti precedenti imqajjem mill-Kunsillier Paul Bongailas dwar il-laqgha mitluba minnu mac-Chairman tal-MCST u l-Kappillan il-gdid, is-Sindku qalet li Dr Pullicino Orlando ippropona li l-laqgha issir nhar il-5 ta' Frar fit-3.00 ta' wara nofsinhar, imma l-Kunsill ma jistax jiltaqa f'din il-gurnata, b'hekk il-Kunsill qed jipproponi li

ssir fis-6 ta' Frar jew 13 ta' Frar wara nofsinhar. din ser tintbghat dalwaqt.

2.4 Dwar punt numru 2.7 mill-minuti precedenti dwar l-applikazzjoni ghall-Kunsill taz-Zghazagh, is-Sindku qalet li l-applikanti zghazagh zdiedu ghal 7 u b'hekk issa hemm biz-zejjed biex dan il-Kunsill jifforma parti mill-Kunsill taz-Zghazagh tal-Kalkara.

2.5 Dwar punt numru 2.8 mill-minuti precedenti, is-Sindku qalet li ix-xoghol ta' trinek ghall-Progett tad-dawl fi Triq l-Isptar Navali ser isiru mill-Kuntrattur jew mill-haddiema tal-Kunsill skond liema stima tkun l-orhos. Biex il-haddiema tal-Kunsill ikunu jistghu jaghmlu dan ix-xoghol irid jinxtara chaser. Il-Kunsillier Vince Bongailas rega staqsa lis-Sindku meta ser jibda il-progett tad-dawl fi Triq l-Isptar Navali. Is-Sindku qaltlu li x-xoghol ghandu jibda fiz-zmien li gej wara li jsiru l-arrangamenti necessarji.

2.6 Dwar punt numru 2.10 mill-minuti precedenti dwar ilment li l-Isqaq Marina li huwa skur wisq u qed ikun ta' periklu ghal persuna nieqsa mid-dawl li taghmel uzu minn dan l-isqaq. Is-Sindku qalet li inbidlu l-bozoz tal-fanali ta' dan l-isqaq minn sofor ghal bojod u instab li t-tarag gie imdawwal kif mixtieq. B'hekk il-Kunsill qabel li il-bozoz tal-isqaq imsemmi jsiru bojod sabiex tissolva din il-problema.

2.7 Dwar punt numru 3.2 mill-minuti precedenti dwar ix-xoghol li qed isir mal-hajt tar-Rinella Housing Estate, il-Kunsillier Pawlu Bonagailas semma li ghandha tingibed l-attenzjoni tal-haddiema sabiex inaddfu wara li jahdmu.

2.8 Dwar punt numru 3.7 mill-minuti precedenti dwar talba sabiex jigu organizzati is-sinjali tal-parkegg fi triq l-Isptar Navali, il-Kunsill qabel li ghandha issir talba lit-Traffic Managment ta' Transport Malta ghall-gwida u approvazzjoni minn naha taghhom. Peress li l-Vici Sindku Chris Bruno kien diga ressaq talba sabiex isiru is-sinjali tal-parkegg fi triq Patri Mattew Sultana gie deciz li tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta ghal din it-triq ukoll.

2.9 Dwar punt numru 4.1 mill-minuti precendenti dwar il-punt imressaq mill-Kunsillier Paul Bongailas dwar il-mera li kellha titwahhal fi Triq il-Barklor, is-Sindku qalet li din ser issir dalwaqt.

2.10 Dwar punt numru 4.2b mill-minuti precedenti dwar il-punt imressaq mill-Kunsillier Vince Bongailas dwar l-ghajnuna lil dawk li ghixu fl-appartamenti tal-gvern, is-Sindku qalet li din l-ghajnuna tkun tista tinghata meta l-Awtorita tad-Djar tohrog l-iskema relatata mal-manutenzjoni tal-komun.

2.11 Dwar punt numru 4.2c mill-minuti precedenti dwar il-punt imressaq mill-Kunsillier Vince Bongailas li ghandha tinstab soluzzjoni ghat-tnehhija tad-dghajjes mit-toroq, huwa rega sahaq li huwa importanti li qabel is-sajf jittiehdu passi sabiex dawn jitnehhew. Fuq dan il-punt il-Kunsill kompla jiddiskuti dwar il-htiega tal-organizzazzjoni tax-Xewkija. Il-Kunsilliera qalu li peress li l-area hija wahda sensittiva immens, il-Gvern ghandu jghin fl-organizzazzjoni taghha. Il-Vici Sindku qal li ghandu jithejja pjan mill-Kunsill u jigi prezentat lill-Gvern. Il-kunsillier Vince Bongailas qal li huwa mportanti li l-Kunsill jaghti importanza lil dan il-pjan. Huwa offra li jaghmel ricerka dwar x'sar minn lokalitajiet ohra f'sitwazzjoni bhal din.

2.12 Dwar punt numru 4.2d mill-minuti precedenti dwar il-punt imressaq mill-Kunsillier Vince Bongailas sabiex tigi nfurzata l-ligi ghal min jonxor barra, bhal ma ghamlu Kunsilli

Lokali ohra barra minn Malta, sabiex l-ambjent jibqa sabih ghar-residenti tal-lokal u anke ghal dawk it-turisti li jigu jzuru l-lokal taghna. Is-Sindku qalet li l-infurzar irid isir mill-pulizija fuq ligi. F'kaz bhal dan il-Kunsill jista jaghmel bye law, imma l-Kunsilliera Maria Sultana ipproponiet li l-ahjar mezz ikun milli jintbghat appell lir-residenti sabiex jevitaw li jonxru barra ghar-raguni li semma l-Kunsillier Vince Bongailas. Il-Kunsilliera qablu li appell bhal dan ikun aktar ideali mill-Bye Law.

2.13 Dwar punt numru 4.2e mill-minuti precedenti dwar il-punt imressaq mill-Kunsillier Vince Bongailas dwar jekk hux ser jinghataw fondi lil kull Kunsillier sabiex ikun jista jhaddem sew id-dekasteru tieghu jew taghha, is-Sindku qalet li ser jinghataw fondi lil kull kunsillier kif propost u kif kien isir snin ilu.

2.14 Dwar punt numru 4.2 mill-minuti precedenti dwar il-punt imressaq mill-Kunsillier Vince Bongailas it-talba ghall-ghajnuna tal-Kunsill sabiex jitnaddaf it-tennis ground (l-antik) sabiex ikun jista jintuza ghal attivitajiet sportivi. Huwa talab sabiex jinghata pjanta sabiex ikun jista jmur biha id-Dipartiment ghall-Artijiet sabiex tinstab l-informazzjoni lil min tappartjeni l-art imsemmija.

2.15 Dwar il-punt imqajjem mill-Ambaxxatur ghaz-Zghazagh Carl Mifsud, dwar il-laqgha li huwa attenda dwar kif jistghu jingiebu fondi mill-Unjoni Ewropeja relatati mal-ghaqdiet taz-Zghazagh huwa qal li bghat email ta' nformazzjoni lill-kappillan u l-Ghaqda Muzikali San Guzepp sabiex jgharrafhom dwar din l-opportunita'.

## 3. <u>Komunikat mis-Sindku</u>

3.1 Infurmat lill-Kunsill li saret il-bankina ta' quddiem il-Kazin Ghaqda Muzikali San Guzepp sabiex din tigi accessibbli bil-wheelchair.

3.2 Jizdiedu aktar bins ghall-hmieg tal-klieb fi Triq il-Missjoni Taljana kif ukoll tabelli biex sid il-kelb inaddaf wara l-kelb tieghu. Il-Kunsillier Vince Bongailas issuggerixxa li jsiru bins tal-landa jew plastic riciklati u kemm isirilhom ghatu. Dawn jinzebghu homor sabiex jigu uniformi ma' dawk ezistenti. Il-Kunsill qabel mas-suggeriment tal-Kunsillier Vince Bongailas.

3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li saret talba ghal zewg bankijiet qabel id-dahla ta' Smart City.

3.4 Infurmat lill-Kunsill li ser torganizza Harga Kulturali ghall-Irgiel.

## 4. <u>Mistoqsijiet u Punti Mqajjma mill-Kunsillieri</u>

4.1 <u>Il-Kunsilliera Maria Sultana ressqet dan li gej:</u>

a. Se tghaddi l-ilmenti li kienet ghaddiet waqt is-seduti precedenti bil-kitba.
b. Ser torganizza l-attivita tal-Karnivall ghat-tfal nhar it-28 ta' Frar 2014 fix-Xatt.
c. Is-sezzjonijiet tal-Istory Telling li qed isiru kull nhar ta' Sibt sejrin tajjeb.

4.2 Il-Kunsillier Vincent Bongailas ressaq dawn il-punti:

a. Ser jorganizza Sports Day ghat-tfal mid-09.00 sas-14.00 fix-Xatt tal-Kalkara. Ser issir ukoll Maratona mal-Kalkara.
b. Ser jorganizza 5 a side tournament tal-football ghall-eta bejn 11 u 14 il-sena.
c. Qed jaqa hajt tas-sejjieh fi Triq l-Isptar Navali. Is-Sindku qalet li ser tipprova tghin billi taghmel it-talba lill-kumpannija IPSL sabiex jipprovdu haddiema.

4.3 Il-Kunsillier Pawlu Bongailas ressaq dawn il-punti

a. Bozza gdida fi Triq il-Missjoni Taljana, Is-Sindku qalet li ser issir l-applikazzjoni ghaliha.

b. Applikazzjoni ghall-WIFI fil-pjazza tas-Sagra Familja. Is-Sindku qalet li ghad ma harget l-ebda skema ghal din l-applikazzjoni.

c. Ilmenti minn residenti ta' Triq San Mikiel li t-triq qed izzomm l-ilma. Is-Sindku qalet li dan ix-xoghol ser isir mit-taqsima tax-Xogholijiet tal-Gvern Centrali.

d. Kellha issir ic-centre strip jew roundabout f'salib it-toroq ta' Triq Santu Rokku u Triq il-Missjoni Taljana. Is-Sindku qalet li kellha ticcekkja dwarha.

e. Issir ir-rampa fejn il-Block A tar-Rinella Housing Estate. Is-Sindku qalet li din kellha ssir fil-gimgha li gejja.

f. Is-sid ta' hanut f'Misrah Arcisqof Gonzi ghamel talba lill-Kunsill sabiex il-Kunsill jaghmillu unloading bay. Is-Sindku qalet li huwa ghandu jaghmel it-talba dirett ghand Transport Malta.

g. Fi Sqaq l-Ixprunara hemm pot imkissra sabiex tinbidel.

h. Jintbghat haddiem sabiex jiccekkja in-notice boards tal-Kunsill u jara li in-noti ta' fihom huma dawk ricenti.

i. Holqa fl-art fi Triq Rinella li qeda ta' periklu ghal min ikun ghaddej bil-mixi. Talab li tingibed l-attenzjoni tal-Ghaqda koncernata li ghamlet din il-holqa ghal kolonna tal-festa.

j. Isiru sinjali doppji sofor fi Triq il-Barklor minhabba pparkjar bl-addocc.

k. Jinqata l-haxix hazin mar-railing ta' faccata tal-flats ta' Triq Luigi Pisani.

l. Xoghol amministrattiv fl-ufficcju tal-Kunsill. Huwa gibed l-attenzjoni li innota li meta l-iskrivana ma tkunx l-ufficcju qed ikun hemm kazijiet li nies mhumiex qed jinqdew. Il-Kunsill iddiskuta ghalfejn u dan minhabba li is-Segretarja qabel kienet taghmel xoghol ta' Customer Care ukoll, u anke kienet taghti access tas-sistemi lill-haddiema tal-Community work scheme, din il-problema ma kienetx tigri. Imma issa li s-Segretarja ma

hijiet tkun il-gimgha shiha l-ufficcju, dan m'ghadux jista jsehh. Hemm il-kaz li peress li jkun hemm il-haddiema tal-Community Work Scheme tal-ETC li avolja ilha aktar minn 4 snin mal-Kunsill Lokali Kalkara, din qatt ma giet accettata mid-dipartiment bhala haddiema tal-Kunsill. Issa li harget il-Memo mid-Dipartiment is-Segretarja ser tghamillha applikazzjoni biex jinghatalha login u password ghas-sistemi.
Il-Kunsill gie ghall-konkluzjoni li huwa ferm importanti li l-Kunsill ma jistax jigi fl-istat li ma jkunx jista jaqdi lin-nies.

m. Ser jigi organizzat kors iehor tal-ECDL fi Frar.

n. Ipprezenta l-ammont ta' kotba li hargu fis-sena li ghaddiet u ta' qabel. Ghas-sena 2013 hargu 5,056 ktieb u ghas-sena 2012 hargu 4,510 ktieb. Is-Segretarja staqsiet lis-Sur Bongailas l-ammont ghas-sena 2011 sabiex ikun jista jinkiteb fil-minuti u kif kien ser jghaddi l-ammonti, is-Sindku ghaddiet il-karta bl-informazzjoni lis-Segretarja. Is-Sur Bongailas irrabja u staqsa ghalfejn jekk is-Segretarja staqsiet lilu kellha tghaddi l-informazzjoni s-Sindku. Is-Sindku qaltlu li hi bhala Sindku ghandha dritt ikollha l-informazzjoni wkoll. Huwa qallha li la huwa il-Kunsillier responsabbli mill-librerija kellu jkun hu li jghaddi l-informazzjoni relatata lill-Kunsill. Is-Sindku qaltlu li hi ma tara xejn hazin b'dak li ghamlet. Huwa qallha li jekk kull Kunsillier ghandu id-dekasteru tieghu, fuq dak irid jahdem u m'ghandu jkun hadd li jindahal sakemm ma tkunx xi haga kontra l-ligi. Peress li dan mhuwiex il-kaz, huwa sahaq li is-Sindku ghandha thalli lil kull wiehed u wahda mill-Kunsilliera jaghti is-sehem tieghu. Id-diskussjoni baqghet ghaddejja u l-Kunsillier telaq il-barra.

Is-Sindku talbet pawza ta' 5 minuti. Il-Kunsillier Paul Bongailas rega dahal ghas-seduta u s-seduta tkompliet.

## 5. Approvazzjoni ta' skeda ta' Pagamenti.

Giet approvata l-lista ta' pagamenti u nfieq tal-Kunsill .

## 6. Korrispondenza

6.1 Korrispondenza mill-Kumitat ghat-tismija tat-toroq.

Peress li wasal il-process li jinbidlu l-ID Cards gie deciz li jinbidel l-isem ta' Triq Irnella u jsir Triq Rinella. Ghandu jigi kkuntattjat l-individwu li ippropona dan it-tibdil sabiex jaghaddi d-dokumenti relatati ma din il-bidla.
Jinbidel l-isem tal-Ex Married Quarters u jigi Ricasoli Housing Estate u ma jibqax jaghmel parti mar-Rinella Housing Estate.

6.2 Ittra mill-Ghaqda Muzikali San Guzepp.

Din l-ghaqda qed titlob permess ghat-twaqqif ta' Bar fix-Xatt ghall-okkazjoni tal-World Cup. Il-Kunsill iddecieda li jehtieg aktar informazzjoni dwar fejn ser isir il-Bar u l-Big Screen kif ukoll il-hinijiet. Kif il-Kunsill ikollu din l-informazzjoni ikun jista jikkunsidra it-talba tal-ghaqda.

6.3 Ittra minghand l-Avukat tal-Accountant precedenti is-Sur Johan Aquilina.

Is-Sur Aquilina qed jitlob li jithallas ta' xgharejn ghas-servizz tal-Accounts kif ukoll ghall-update tal-Asset Register. Is-Segretarja infurmat lill-Kunsill li dan il-hlas ma kienx sar minhabba li meta il-Kuntratt inghata lill-Accountant il-gdid, dan tal-ahhar sab hafna xoghol b'lura ta' aktar minn xgharejn u lanqas inghata handover. Mir-rapport tal-Awditur hareg ukoll li l-Asset Register ma kienx updated kif suppost. Il-Kunsill kien qabbad lis-Sur Aquilina sabiex jaghmel dan ix-xoghol bi hlas imma peress li f'dan ir-rapport hareg li dan ix-xoghol ma sarx kif kellu jsir. Ghalhekk il-Kunsill iddecieda li ma jarax li ghandu ghalfejn ihallas ta' servizz li ma inghatax kif xieraq bil-hlas mitlub.

6.4 Applikazzjoni MEPA – PA/00077/14

Il-Kunsill iddiskuta l-applikazzjoni tas-Sur Rudy Cutajar. Il-Kunsill iddecieda li ma joggezzjonax ghal din l-applikazzjoni bil-kundizzjoni li l-persuna ma tinghatax il-permess tal-kiri tad-deckchairs u umbrelel fuq ir-ramel.

Il-Kunsill iddecieda li jaghlaq is-seduta fid-9 ta' filghaxija u jkompli minhabba li s-Segretarja kellha titlaq minhabba li kien sar il-hin.

Is-Seduta giet aggornata ghall-Gimgha 7 ta' Frar 2014 fil-5.00 ta' filghaxija sabiex titkompla id-diskussjoni fuq l-Agenda.

**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 2-14

**Data: 31 ta' Jannar** 2014
7 ta' Frar 2014

**Hin:** 5.00p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier
Maria Sultana – Kunsilliera

**Membri Skuzati:** Christopher Bruno – Vici Sindku
Carl Mifsud- Ambaxxatur tal-Vot16 ghall-Kalkara

**Din is-seduta bi tkomplija tal-Agenda ta' nhar il-31 ta' Jannar 2014.**

6. **Korrispondenza**

6.5 Door Numbering Unit fi hdan il-Ministeru tat-Trasport u Nfrastruttura.

Dwar il-korrispondenza li rcieva l-Kunsill relatata mal-hrug tal-ID Cards il-godda, il-Kunsill iddiskuta u kkonkluda li Triq il-Kapuccini, Triq Rinella, Ricasoli Married Quarters, Block 8 Qasam Bini tal-Gvern Rinella u l-Qasam Bini tal-Gvern Ex Married Quarters jigu kkunsidrati ghat-tibdil ghall-indirizzi/numri tad-djar. Il-Kunsillier P Bongailas semma wkoll kaz fi Triq is-Sibi li ghandu jigi kkunsidrat sabiex jinbidel ukoll.

6.6 Ittra mill-Ghaqda Circolo San Giuseppe, Socjeta Filarmonika Sagra Familja.

L-Ghaqda bghatet ittra lis-Sindku relatata mal-ittra li kien bghat il-Kunsill sabiex din l-istess ghaqda tnehhi l-affarijiet relatati mal-festa li ghad hemm fil-pjazza minhabba diversi lmenti tan-nies. Permezz ta' din l-ahha ittra l-ghaqda qed tghid li ser tnehhi dawn l-affarijiet u tpoggihom fil-mahzen li kellha l-ghaqda fil-Binja li ser tigi zviluppata mill-MCST. Il-Kunsill iddiskuta din l-ittra u iddecieda li l-Kunsill ma jistax jinzamm responsabbli ghal dan il-pass li se tiehu l-ghaqda. Il-Kunsill huwa fl-obbligu li jigbed l-attenzjoni fejn tinhass il-htiega specjalment wara diversi lmenti minn residenti.

6.7 Ittra minn residenta fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

Din il-persuna qed tilmenta fuq skart goff li qed jintefa fl-ghelieqi kif ukoll fuq nuqqas ta' sinjali tat-traffiku fl-istess triq u dawk tal-madwar.

Il-Kunsill iddecieda li jibghat ittra lis-sid tal-ghalqa li qed issemmi din il-persuna fejn tintalab li ittella 8 filati sabiex din l-ghalqa ma tibqax tintuza bhala sit ghar-rimi ta' skart. Il-Kunsill ma jistax inaddaf din l-ghalqa minhabba li din hija art privata.

Dwar is-sinjali ta' traffiku, il-Kunsill ghandu jibghat ittra lil Transport Malta ghall-approvazzjoni ta dawn is-sinjali fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Hbit mill-Ajru, Triq Guze Porsella Flores u Triq Antonio Falzon.

6.8 Talba minn resident ghal Stop Sign fi Triq is-Sienja id-dejqa.

Dan ir-resident qed jitlob li titwahhal stop sign fit-tarf ta' Triq is-Sienja parti dejqa, il-Kunsill iddiskuta din it-talba u iddecieda li jitlob gwida minn Transport Malta jekk din ghandiex issir. Il-Kunsilliera Maria Sultana ipproponiet li minhabba li fiz-zmien li gej ser jitpogga it-Tower Craine fi Triq is-Sienja, ikunx ideali jekk din tigi One Way. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsilliera Maria Sultana u iddecieda li tigi infurmata l-Awtorita dwar it-Trasport u tintalab l-approvazzjoni relatata.

6.9 Talba minn resident ghal dawl gdid fi Triq il-Genista.

Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u ghandu jiehu passi aktar tard matul is-sena minhabba li l-Kunsill m'ghandux fondi biz-zejjed biex jilqa kull talba ghall-dawl gdid. Dan il-kaz ghandu jinghata priorita.

6.10 Progett mill-Ministeru tal-Infrastruttura tal-pjazza ta' quddiem il-kunvent tal-kapuccini.

Il-Kunsill intalab sabiex jaghmel talba lill-Awtorita tat-Trasport ghall-approvazzjoni tas-Sinjali tal-Parkegg fi Triq Santa Liberata.

6.11 Is-Sindku ressqet talba mill-Haddiem tal-Kunsill is-Sur Martin Meilaq.

Hija qalet li avvicinha is-Sur Meilaq haddiem manwali tal-Kunsill bl-iskala 18 b'kuntratt indefinit. Huwa ilu jahdem mal-Kunsill mis-sena 2003 u talab lill-Kunsill sabiex jinghata promozzjoni ghal skala 17. Is-Segretarja semmiet l-involviment finanzjarju tal-Kunsill b'dan il-pass u l-Kunsill qabel li jilqa it-talba tas-Sur Meilaq. Is-Sur Meilaq huwa l-uniku haddiem manwali li ghandu il-Kunsill.

6.12 Tahdidiet Spiritwali fil-Librerija.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser isiru tahdidiet Spiritwali fil-Librerija ghal zmien ir-Randan minn Sister Rose, Social Worker.

Il-Kunsillier Paul Bongailas gibed l-attenzjoni li gie avvicinat minn persuna li kien irrabjat minhabba li xi drabi cempel il-Kunsill sabiex jaghmel xi lment u min jirrispondi it-telefon jghatih in-numru dirett tas-Sindku. Huwa qal li dan il-persuna qal li din grat kemm il-darba. Huwa qal li l-ufficcju tal-Kunsill ghandu jintuza bhala customer care centre u l-ilmenti m'hemmx ghalfejn jghaddu dirett ghand is-Sindku imma jghaddu mis-sistema tal-Customer Care.

7. **Memos mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.**

Memo 4/2014- Ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-responsabbilta ta' Librerija Pubblika.

Il-Kunsill iddiskuta din il-memo u kkonkluda li japplika ghal din l-iskema bhas-snin ta' qabel cioe bil-kundizzjoni li ma johrogx is-sehem tieghu f'kotba, minhabba li l-Kunsill diga qieghed jonfoq madwar 7,700 ewro fuq kirja tal-post ghall-librerija u hinijiet tal-librar ghall-ftuh tal-librerija biex il-librerija tkun accessibbli ghal mhux anqas minn 24 siegha fil-gimgha.

8. **Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Seg. Ezekuttiv ghas-sena 2013.**

Il-Kunsill qabel mar-rapport imhejji mis-Sindku u li jinghata 10% Performance Bonus ghas-sena 2013.

9. **Aggornament**

Is-Seduta intemmet fis-7.00 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 25 ta' Frar 2014 fil-5.30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Speranza Chircop | Sharon Galea Iriele |
| Sindku | Agent Seg Ezekuttiv |